# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 53

Data tal-laqgħa: 15 ta' Mejju, 2018

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 15 ta' Mejju 2018 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** | |
|---|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina | |
| Viċi Sindku | Mario Gauci | |
| Kunsillieri | Christopher Fenech | |
| | Carl Grech | 6:05p.m. |
| | Mark Azzopardi | |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat | |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti | |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**53/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**53/01/01** Ma kienx hemm.

**53/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 51 u 52**

**53/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**53/02/02** **Para 51/02/02:** Fuq id-diversi toqob li jridu jsiru mill-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogħlijiet, dawn għadu pendenti.

**53/02/03** **Para 51/02/03:** Is-Sur Mario Mallia lesta d-diversi xogħlijiet ta' bankini u l-ġimgħa d-dieħla ħa jkompli r-*refreshing* tal-*junction box* fi Triq San Ġwann k/m Triq M. Murrey.

**53/02/04** **Para 51/02/06:** Is-Sindku qal li issa għandna s-servizz tal-ilma fil-Ġnien ta' Żagħruna u li s-Sur Sur Daniel Bezzina ħa jwaħħal il-vitien imbagħad nistgħu nixtru pajp twil.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**53/02/05** **Para 51/02/07:** Is-Sindku qal li din il-ġimgħa, il-Projects Implementation Directorate għandu jlesti l-bankina l-ġdida ta' quddiem Borg Furniture fi Triq Santa Katerina.

**53/02/06** **Para 51/02/08:** Is-Sur Aquilina spjega li l-Perit Chris Grech qed jaħdem fuq il-BOQ, *specs*, pjanti u *provisions* għal proġett ta' Triq Għaxqet l-Għajn (għat-triq u l-ġnien).

**53/02/07** **Para 51/02/09:** Is-Sindku qal li żewġ *u-bars* dekorattivi għaz-zuntier għandhom jaslu din il-ġimgħa.

**53/02/08** **Para 51/02/11:** Is-Sur Aquilina qal li ktibna lil Onor. Ministru Evarist Bartolo sabiex il-Librerija Pubblika terġa' tmur lura l-iskola.

**53/02/09** **Para 51/02/12:** Is-Sindku qal li l-laqgħa mal-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima Dr Jose Herrera dwar l-inceneratur propost li jsir fil-Magħtab ħa ssir nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju.

**53/02/10** **Para 51/02/14:** Is-Sur Aquilina qal li l-bozza mal-ħajt ta' dar nru 119 fi Triq San Ġwann qeda taħdem.

**53/02/11** **Para 51/03/02:** Is-Sur Aquilina qal li d-*double yellow line* fi Triq l-Indipendenza k/m Triq Caravaggio sar.

**53/02/12** **Para 51/03/03:** Is-Sindku spjega li l-*Audited Accounts* daħlu fil-ħin u li issa jmiss li nirċievu l-*Management Letter*.

**53/02/13** **Para 51/03/04:** Is-Sindku qal li għadna qed nistennew risposta mingħand l-Onor. Dr Clifton Grima fuq l-art ta' Xwieki. Barra minn hekk, żid jgħid li nistgħu napplikaw għal fondi mill-PA li jammontaw għal €50,000.

**53/02/14** **Para 51/03/05:** Is-Sur Aquilina attenda laqgħa rigward ir-restawr tal-*Victoria Lines* u qal li dalwaqt jibdew il-parti li tagħmel mal-Għargħur.

**53/02/15** **Para 51/03/06:** Is-Sindku qal li l-firrol mal-gate tal-Ġnien ta' Żagħruna sar mill-Muzzan Blacksmith & Welder.

**53/02/16** **Para 51/03/07:** Fuq is-suġġeriment sabiex issir *playhouse* fi Ġnien il-Paċi għat-tfal iż-żgħar minn 0-3 snin, is-Sindku qal li għadha pendenti. Is-Sur Mario Gauci spjega li ma għandniex naqilgħu *playing equipment* eżistenti iżda għandna nsibu post alternattiv.

**53/02/17** **Para 51/03/08:** Is-Sur Aquilina fakkar li ħa ssir attività nhar il-5 ta' Ġunju 2018 – Festival tal-Istorja Militari l-Franċiżi fit-Tramuntana 220 Sena (Il-Mosta, Ħal-Għargħur, in-Naxxar). Waqt din l-attività ħa jieħdu sehem 500 suldat. Ir-Reġjun Tramuntana ħa jipprovdu s-servizz ta' Wardens. Is-Sindku ressaq li jsir salut mill-Għaqda tan-Nar San Bartilmew (€200). Kien hemm qbil unanimu li jsir.

**53/02/18** **Para 51/03/09:** Is-Sindku qal li fil-ġimgħat li ġejjin ħa jingħata t-tarmac fejn saru t-trinek mill-ENEMALTA fi Triq Stiefnu Zerafa u fi Vjal ir-Repubblika. Kien hemm qbil unanimu li jkun hemm Gwardjan/Pulizija magħhom waqt dawn ix-xogħlijiet.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**53/02/19** **Para 51/03/10:** Is-Sindku spjega li l-Clean-up ġewwa Top of the World saret u kienet suċċess.

**53/02/20** **Para 51/03/11:** Is-Sindku tkellem fuq l-importanza li l-*bus bays* fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu jibdew joperaw sabiex jinqata' l-ipparkjar tal-karozzi tal-linja fil-Pjazza. Is-Sur Mario Gauci ssuġġerixxa li nżidu *parking* fi Triq San Bartilmew. Is-Sindku spjega li dan is-suġġeriment għandu jiġi kkunsidrat wara li s-sistema tal-*bus bays* tibda taħdem kif suppost.

**53/02/21** **Para 51/03/12:** Is-Sindku qal li dalwaqt għandna nirċievu l-*Grant Agreement* tar-*Rural Development Programme for Malta* 2014-2020 iffirmat.

**53/02/22** **Para 51/03/13:** Fuq it-talba ta' Sinjura Rose Saliba sabiex isiru 3 *parking spaces* fi Triq Santa Katerina, *is-site visit* saret u ġie deċiż li ma għandhomx isiru.

**53/02/23** **Para 51/03/14:** Is-Sur Aquilina qal li jonqos l-aħħar pagament tar-*Resurfacing* ta' Triq Fra D. Mifsud.

**53/02/24** **Para 51/03/16:** Is-Sur Aquilina spjega li l-PA board meeting fuq il-Ġnien ta' Top of the World ħa tkun nhar it-18/05/2018.

**53/02/25** **Para 51/03/17:** Is-Sindku qal li applikajna mal-ARMS sabiex ikollna servizz tad-dawl għat-*traffic lights*. Is-Sur Christopher Fenech żid jgħid li meta għamel kuntatt ma' uffiċjal minn tal-ARMS, dan tal-aħħar qallu li kien hemm taqsima li kien fiha informazzjoni nieqsa u li kien jonqos firma fuq l-ewwel paġna. Is-Sindku qal li ħa nerġgħu nibagħtu l-applikazzjoni mill-ġdid.

**53/02/26** **Para 51/05/03:** Is-Sindku spjega li fuq il-korrispondenza mis-Sur Joe Attard fejn kien qalilna li l-Green MT ser titermina l-ftehim ma smajna xejn iktar ħlief li d-DLG staqsewna min hu l-kolletur tal-borza s-sewda.

**53/02/27** **Para 51/05/14:** Fuq PA/02352/18 [Proposed demolition of existing terraced house, excavation/extension to existing basement level to accommodate seven parking spaces, two ground floor maisonette's, two apartments at first floor, two at second floor and one penthouse at set back floor level, including a pool and pv panels at roof level. Alfred Debono, 2, Madonna tat-Triq, Triq l-Isqof S Gaffiero c/w, Triq in-Naxxar, Gharghur]. Il-Kunsill kiteb lis-*Social Housing* u rċevejna li dan l-iżvilupp jista' jsir.

Fuq PA/02616/18 [To construct two bedrooms with ensuites at first floor level over an existing one storey dwelling. Works also include internal alterations and partial demolition of roof to instate a staircase. Nigel Mifsud, Molendinum 6, Triq il-Mithna, Gharghur]. Il-Kunsill bgħat l-ittra ta'oġġezzjoni.

Fuq PA/2674/18 [Demolition of existing internal wall and roof slab; internal and external alterations and additions to existing structure for proposed Class 4A consultation room and hall at ground floor, ATM room at ground floor and a duplex apartment at first and second floor. Simon Castillo, 2, Triq San Bartilmew c/w, Triq il-Wiesgha, Gharghur]. Is-

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

Sindku qal li fil-Kuntratt tal-bejgħ ma kienux ġew imposti kundizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' lapidi, tabelli u Bus Stop li hemm mal-proprjetà.

Fuq PA/2684/18 [Renewal of Permit PA00539/13 - (renewal of PA5414/05- alterations and additions to existing farmhouse and construction of pool) Ms. Natasha Busuttil, Gharghur Heights, Tal- Fanal off, Gebel San Pietru, Gharghur, Malta]. Il-Kunsill bgħat l-ittra ta'oġġezzjoni.

**53/02/28** **Para 51/05/16:** Fuq it-talba għal marki mal-art (vleġeġ) madwar ir-*roundabouts* ta' Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu u tnejn ta' Triq Caravaggio għadhom pendenti.

**53/02/29** **Para 51/05/19:** Is-Sindku qal li r-*rubber hump* ta' Triq Caravaggio (it-tielet waħda min-naħa ta' Triq Stiefnu Zerafa) inbidlet.

**53/02/30** **Para 51/05/23:** Fuq l-ilment li ċediet *inspection chamber* fi Triq Stiefnu Zerafa quddiem il-Landmark Stationary, is-Segretarju Eżekuttiv ħa terġa' tinforma lil Water Services Corporation sabiex jiġu jagħmlu t-tiswijiet.

**53/02/31** **Para 51/05/24:** Rigward ix-xogħlijiet li qegħdin isiru fi Triq Għaxqet l-Għajn, is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li rċeviet mill-Planning Authority li l-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin. Is-Sur Christopher Fenech qal li xi nies ġibdulu l-attenzjoni li qed jinbena ħajt possibilment illegalment faċċata ta' *Searchlight Battery* fil-Madliena. Il-Kunsill qabel li niċċekkjaw eżatt u filkas noġġezzjonaw.

**53/02/32** **Para 51/05/25:** Is-Sindku spjega li għadna qed nistennew risposta mingħand Transport Malta fuq it-talba sabiex il-Bus Stop ta' Triq Stiefnu Zerafa jersaq lejn il-kamra tal-ħaddiema peress li triq hija iktar wiesa'.

**53/02/33** **Para 51/05/27:** Fuq it-talba li saret mill-ħaddiema klerikali sabiex issir ħġieġa fuq il-Front Desk ġie deċiż li minbarra l-stimi nitolbuhom ukoll disinn ta' kif ser tiġi.

**53/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**53/03/01** Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa ta' kordinazzjoni li saret mal-Water Services Corporation, il-Perit Anthony Bezzina u l-kuntrattur rigward ir-*Rural Development Programme*.

**53/03/02** Is-Sur Aquilina spjega li saret laqgħa mal-Firetech fuq it-*Traffic Lights* ta' Triq il-Ġnien. Ġie deċiż li trid issir *distribution box* fit-telgħa ta' ħdejn il-Palazz tal-Kmand ħalli jekk ikun hemm xi ħsara, it-tekniċi jkollhom fejn jieqfu. Għaldaqstant, is-Sindku irid iġib permess mingħand is-Sur Ġiljan Bezzina u s-Sur Simon Bezzina.

**53/03/03** Is-Sindku talab li l-Kunsillieri jibagħtu l-artikli tagħhom għal fuljett tal-Kunsill.

**53/03/04** Is-Sur Aquilina qal li s-Sotto Kumitat Qasam Soċjali ħa jorganizza ħarġa għal Għawdex nhar it-Tlieta, 12 ta' Ġunju u Buffet Breakfast ġewwa l-Hotel Santana fl-okkażjoni ta' Jum il-Għargħur nhar it-Tlieta, 10 ta' Lulju.

**53/03/05** Is-Sindku qal li s-Sur Tony Zahra ħa jagħti sponsorship ta' €200, sabiex bihom il-Kunsill ikun jista' jġib bowser għat-tisqija fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**53/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**53/04/01** Ma kienx hemm.

**53/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**53/05/01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Silvio Scerri sabiex issir 'Crash Barrier' fi Triq Santa Katerina. Ser tiġi mitluba ssir minn TM jew mis-Sid stess.

**53/05/02** Ġiet innutata korrispondenza minn SamMer First Aid Courses. Dan il-kors fuq l-Ewwel Għajnuna ħa jkun jiswa €30 għal kull parteċipant. Il-Kunsill qabel li dan il-kors isir filgħaxija jew s-Sibt filgħodu.

**53/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority*. Fuq PA/3352/18 [To roof over existing internal yard, construct receded floor, carry internal alterations and to sanction lightweight timber stairs and construction of slab to close existing staircase. Nigel Cauchi, 16, Sqaq ir-Rużarju, Għargħur]. Il-Kunsill qabel li noġġezzjonaw peress li ħa jżid sular.

**53/05/04** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority.*

**53/05/05** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Kevin Fsadni fejn spjega li l-MTA lesta li tagħti €1,000 fis-sena għal perjodu ta' 3 snin sabiex Triq Għaxqet l-Għajn tinżamm fi stat tajjeb.

**53/05/06** Is-Sur Louis Pace bagħtilna stima għal *internet* minħabba l-*webcam*. Bażikament, ir-rata hija €25/xahar għal sentejn, filwaqt li l-*modem* huwa b'xejn. Kien hemm qbil li tiġi approvata din l-istima. Is-Sindku qal li mbagħad l-*electrician* irid iwaħħal *plug* fuq il-bejt u kif ikun hemm jirranġa l-*spotlight*.

**53/05/07** Il-Kunsill irċieva korrispondenza Ċir AKL 2018/050 – Taħriġ għall-Kunsilliera, membri tal-Kunsill u Segretarji fuq Evalwazzjoni ta' tenders fuq is-sistema EPPS.

**53/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-ERA fuq *Textile Waste Door to Door collection*. L-ERA qatt ma ħarġet permess lil "Malta Textile Recycling" imma fl-istess ħin din il-kumpanija hija awtorizzata permezz ta' permess fuq Amer Tex Hungary Korlátolt Felelősségü Társság sabiex tiġbor tessuti għar-rimi bieb bieb.

**53/05/09** Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn TM rigward talba għal *Reserved Parking Bay* l-applikant hija s-Sinjura Carmen Cini, 'Osprey Crt', Flt 6, Blk 3, Triq Stiefnu Zerafa. Il-Kunsill qabel li għandna noġġezzjonaw meta l-applikant ma jkunx is-suq bħal f'dan il-każ.

**53/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Johann Buttigieg Ċerman tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar. Fil-qosor l-Awtorità tal-Ippjanar nediet inizjattiva ġdida ta' €2.5 miljun bl-isem Sebbaħ il-Lokal. Din l-inizjattiva hija miftuħa għal dawk il-lokalitajiet li sa l-aħħar ta' Diċembru 2017 kellhom inqas minn €100,000 allokati fi ħdan id-*Development*

*Planning Fund* (DPF). Hemm 28 –il lokalità li jistgħu jibbenefikaw sa €50,000 għal dawn it-tip ta' proġetti.

**53/05/11** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Ian Genuis biex jibni bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni diment li l-bankina tkun skont il-liġi.

**53/05/12** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Nyal Xuereb fejn talab li jsir *double yellow line* fi Triq l-Indipendenza k/m Triq Caravaggio (faċċata tal-Hair Salon). Il-Kunsill laqa' t-talba ta' Sur Xuereb.

**53/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinjura Vanessa Borg (minn Booking & Co) rigward ir-regolamenti ġodda fuq il-Protezzjoni tad-data. Is-Sinjura Borg bagħtitilna żewġ stimi għal installazzjoni tal-SSL, €318.00 + VAT (għal sentejn) jew €268.00 + VAT (għal sentejn). Il-Kunsill ma laqax dawn l-offerti u minflok ħa jneħħi l-*Contact Form* mill-website tal-Kunsill.

**53/05/14** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority*. Fuq PA/03747/18 [To sanction internal layout and proposed internal alterations to existing second floor apartment, demolition of roof structure and construction of penthouse. Antonia Bugeja, 30, St. Francis Court, Flat 4 and Overlying Airspace, Triq San Ġwann, Għargħur.] Il-Kunsill qabel li noġġezzjonaw peress li ħa żid sular.

**53/05/15** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority*.

**53/05/16** Is-Sur Gejtu Borg talab li jsiru żewġ *bollards* fi Sqaq Nru 2, Triq Mons. L. Catania. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li diġà hemm il-linji bojod.

**53/05/17** Fuq is-suġġeriment ta' Sinjura Pia Vassallo biex ma jipparkjawx eżatt mat-tieqa ta' dar tagħha li qeda f'livell taħt il-livell ta' triq, fi Triq Mons. L. Catania. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax inkella jonqos il-*parking*.

**53/05/18** Fuq it-talba ta' Sur Joseph Muscat biex issir tabella *Do Not Obstruct* fl-isqaq tat-Triq l-Indipendenza għax qed jagħlqulu t-triq. Il-Kunsill qabel li jsir *double yellow line*.

**53/05/19** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Pawlu Azzopardi biex issir tabella *Give Way* qabel ma tinżel Triq Għar San Brinkat u biex isir linja bajda fin-nofs, fil-kantuniera ta' fuq in-naħa tal-Ġnien tal-Ponta. Kien hemm qbil li t-tabella ssir u fuq il-linji nieħdu parir minn TM.

**53/05/20** Fuq it-talba ta' Sur Albert Schembri għal żewġ *sleeping police,* waħda fuq ix-xellug u l-oħra fuq il-lemin ta' St. Michael's Crt, fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li diġà hemm *sleeping police* fl-istess triq.

**53/05/21** Is-Sur Joe Mercieca jixtieq jagħti donazzjoni ta' pinnur biex jitwaħħal fuq il-bejt tal-Kunsill. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Mercieca ta' din id-donazzjoni.

**53/05/22** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Ġiljan Bezzina biex jitwal id-*double yellow line* bejn it-tarf ta' Triq Caravaggio k/m Triq il-Ġnien. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax inkella jonqos il-*parking*.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**53/05/23** Is-Sur Christopher Fenech ressaq suġġeriment sabiex kaxxa li kienet RESERVED issir kaxxa bajda peress li ma għadiex tintuża, din tinsab fi Triq San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu.

**53/05/24** Is-Sur Mario Gauci ressaq li titranġa tabella magħwġa li qeda fi Triq San Ġwann k/m Triq Mons. L. Catania. Il-Kunsill qabel li xi ħadd mill-ħaddiema jirranġaha.

**53/05/25** Is-Sur Gauci ġibed l-attenzjoni li l-kennis qed iħalli l-boroż fit-toroq li jkun kines u li qata' nofs il-ħaxix ta' Triq Mons. L. Catania. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tkellem lill-kennis.

**53/05/26** Is-Sur Gauci qal li parti mill-ħajt fi Triq Mons. L. Catania reġa' waqa'. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tgħid lis-Sur Mario Mallia sabiex jirranġa dan il-ħajt.

**53/05/27** Is-Sur Gauci, qal li peress li daħlu ħafna ilmenti li mhux qed jiġu osservati r-regolamenti u qed jinżlu karozzi minn Triq Birguma, għandu jsir infurzar mill-Gwardjan / Pulizija. Kien hemm qbil unanimu.

**53/05/28** Is-Sur Christopher Fenech talab li nġibu bowser ilma kull ħmistax fis-Sajf biex ikun hemm tisqija addizzjonali. Kien hemm qbil unanimu.

**53/05/29** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li l-ħaddiema tagħna jagħtu passata żejt il-bankijiet u l-puġġaman tal-Ġnien tal-Ponta. Kien hemm qbil unanimu.

**53/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**53/06/01** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**53/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**53/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**53/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**53/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-07:10p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ġunju 2018 fis-6:30pm.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Ġiljan Aquilina**<br>**Sindku** | **Maria Tanti**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |